IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.3.2014
COM(2014) 174 final

2014/0096 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' kaseini u kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

Id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE dwar l-aprossimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti lattoproteini (il-kaseini u l-kaseinati) maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Huwa propost li din id-Direttiva titħassar u tinbidel b'test ġdid għar-raġunijiet li ġejjin: (1) biex jiġu allinjati s-setgħat konferiti lill-Kummissjoni bid-distinzjoni l-ġdida introdotta mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) (2) biex titqies leġiżlazzjoni oħra li sadanittant ġiet adottata, b'mod partikolari fir-rigward tal-liġi tal-ikel (3) biex jiġu allinjati r-rekwiżiti ta' kompożizzjoni tal-prodotti kkonċernati tal-istandard internazzjonali rilevanti maħruġ mill-Codex Alimentarius.

(1) It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jagħmel distinzjoni bejn, min-naħa waħda, is-setgħa ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta' att leġiżlattiv, kif stabbilit fl-Artikolu 290 (atti delegati), u, min-naħa l-oħra, is-setgħa konferita lill-Kummissjoni biex tadotta atti ta' implimentazzjoni fejn hemm bżonn ta' kundizzjonijiet uniformi, kif imsemmi fl-Artikolu 291 (atti ta' implimentazzjoni). Dan l-eżerċizzju ta' skrutinju tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 83/417/KEE fir-rigward tad-distinzjoni l-ġdida bejn atti delegati u dawk ta' implimentazzjoni wera l-ħtieġa li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati li jemendaw, fejn xieraq, id-definizzjonijiet tekniċi u l-istandards stabbiliti fl-Annessi għal kaseini u kaseinati li jittieklu biex jitqiesu l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti u l-progress tekniku. Setgħa korrispondenti hija inkluża f'din il-proposta.

(2) Din il-proposta tqis l-iżvilupp ulterjuri ta' leġiżlazzjoni parallela, b'mod partikolari fir-rigward tal-ikel. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-aġġornamenti tad-Direttiva 2000/13/KE[1], ir-Regolament (KE) Nru 178/2002[2], ir-Regolament (KE) Nru 882/2004[3], ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008[4] u r-Regolament (KE) Nru 1333/2008[5].

(3) Standard internazzjonali ġie adottat mill-Codex Alimentarius għal prodotti tal-kaseina li jittieklu[6]. Dak l-istandard, fost l-oħrajn, jiddefinixxi l-kompożizzjoni

---

1 Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel.

2 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel

3 Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali

4 Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97

5 Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel

6 Standard tal-Codex 290-1995

essenzjali u l-fatturi tal-kwalità ta’ prodotti tal-kaseina. Sabiex tippermetti li l-operaturi tan-negozji tal-ikel jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ekwi fis-suq dinji, din il-proposta tintroduċi rekwiżiti ta’ kompożizzjoni stabbiliti fl-Annessi għal kaseina u kaseinati li jittieklu għal dawk applikabbli fl-Istandard tal-Codex imsemmi hawn fuq. L-aġġustament jirriżulta f'żewġ bidliet: il-kontenut massimu ta' umdità ta' kaseina li tittiekel jiżdied minn 10 għal 12 % u l-kontenut massimu ta' xaħam fil-ħalib ta' kaseina aċiduża li tittiekel jitnaqqas minn 2.25 għal 2 %. B’din il-bidla, ir-rekwiżiti ta’ kompożizzjoni stabbiliti fil-proposta huma kompletament konformi mal-istandard internazzjonali.

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet finanzjarji għall-baġit tal-UE.

Kuntest Ġenerali

L-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jiddistingwu bejn żewġ tipi ta’ atti tal-Kummissjoni:

L-Artikolu 290 tat-TFUE jippermetti lil-leġiżlatur biex jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti mhux leġiżlattivi ta’ applikazzjoni ġenerali sabiex tissupplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali ta’ att leġiżlattiv." Fit-terminoloġija użata mit-Trattat, l-atti legali adottati mill-Kummissjoni b’dan il-mod jissejħu “atti delegati” (l-Artikolu 290(3)).

L-Artikolu 291 tat-TFUE jippermetti lill-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa tal-liġi nazzjonali biex jiġu implimentati atti tal-Unjoni li huma legalment vinkolanti". Dawk l-atti għandhom jikkonferixxu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni meta jkunu meħtieġa kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tagħhom. Fit-terminoloġija użata mit-Trattat, l-atti legali adottati mill-Kummissjoni b'dan il-mod jissejħu "atti ta' implimentazzjoni" (l-Artikolu 291(4)).

Mill-adozzjoni tad-Direttiva oriġinali fl-1983, għadd ta’ atti legali ġew adottati fil-qasam tal-liġi dwar l-ikel. Dawn għandhom jiġu kkunsidrati.

Il-produzzjoni ta’ kaseina u kaseinati mill-ħalib kienet soġġetta għal skema ta’ sussidju intern operata mill-Unjoni sal-2006. Din l-iskema ta’ sussidju waqfet milli tiġi applikata minn dak iż-żmien u ġiet definittivament revokata mill-ftehim politiku li ntlaħaq dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq uniku riformat għall-Prodotti Agrikoli fl-2013. Għalhekk, dispożizzjonijiet speċifiċi, li jvarjaw minn standards internazzjonali, ma għadhomx ġustifikati. B’konsegwenza ta’ dan, il-proposta taġġusta r-rekwiżiti tal-kompożizzjoni ta’ prodotti tal-kaseina tal-istandard tal-Codex rilevanti.

Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

L-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

Id-Direttiva 2000/13/KE, ir-Regolament (KE) Nru 178/2002, ir-Regolament (KE) Nru 882/2004, ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 u r-Regolament (KE) Nru 1333/2008.

Standard tal-Codex 290-1995.

Konsistenza mal-bqija tal-politiki u l-għanijiet tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti mal-klassifikazzjoni l-ġdida tas-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mit-TFUE, mal-atti legali fil-qasam tal-liġi dwar l-ikel u mal-istandard internazzjonali maħruġa għall-prodotti tal-kaseina mill-Codex Alimentarius.

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

Mhi meħtieġa l-ebda konsultazzjoni mal-partijiet interessati minħabba li l-proposta tittratta prinċipalment kwistjonijiet interistituzzjonali u ma tibdilx is-sustanza tad-Direttiva 83/417/KEE li ilha taħdem tajjeb għal għexieren ta' snin. Il-proposta tippermetti wkoll integrazzjoni aħjar tar-regoli dwar kaseini u kaseinati f'qafas legali usa' relatat mal-liġi tal-ikel li jġib miegħu vantaġġi f'termini ta' ċarezza u simplifikazzjoni. Barra minn hekk ir-regoli dwar il-provvediment ta' informazzjoni min-negozju għal negozju ġew razzjonalizzati.

L-allinjament ulterjuri għall-istandard internazzjonali ġie diskuss mal-industrija, li laqgħu b'sodisfazzjon il-bidla proposta.

Il-Ġbir u l-użu ta' kompetenza

Bl-istess mod ma hemm l-ebda ħtieġa għal għarfien espert estern għall-istess raġunijiet.

Valutazzjoni tal-impatt

Bl-istess mod ma hemm l-ebda ħtieġa għal valutazzjoni tal-impatt għall-istess raġunijiet.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-proposta (1) tidentifika l-ħtieġa għal setgħa delegata li se tingħata lill-Kummissjoni għall-fini tal-adozzjoni tal-emendi għall-Annessi I u II u li tistabbilixxi l-proċedura korrispondenti għall-adozzjoni ta' dawn l-atti fil-kuntest legali l-ġdid determinat mid-dħul fis-seħħ tal-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE (2) tadatta d-dispożizzjonijiet eżistenti għall-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni b'mod partikolari fil-qasam tal-liġi dwar l-ikel (3) fejn xieraq taġġusta rekwiżiti ta' kompożizzjoni ta' kaseini li jittieklu għall-istandard tal-Codex li jikkorrispondi magħhom.

Bażi legali

L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-proposta taqa' taħt kompetenza kondiviża bejn l-UE u l-Istati Membri u hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Għażla tal-istrumenti

Il-forma tal-att oriġinali (Direttiva) mhux mibdula. Il-proposta hija mmirata lejn it-tfassil tal-awtorizzazzjoni tal-Kummissjoni fil-kuntest legali l-ġdid maħluq mit-Trattat ta' Lisbona. Tqis ukoll l-iżvilupp ulterjuri ta' leġiżlazzjoni f'dawn l-aħħar snin, u ta' standards internazzjonali eżistenti aġġornati.

Barra minn hekk, il-proposta tieħu inkonsiderazzjoni l-ħtieġa li l-Istati Membri jkollhom marġini biex jadattaw l-implimentazzjoni għall-ambjent legali u

amministrattiv nazzjonali, b'mod partikolari b'referenza għall-adozzjoni possibbli ta' miżuri nazzjonali fi kwistjonijiet li mhumiex speċifikament armonizzati mill-proposta.

2014/0096 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' kaseini u kaseinati maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE[2] dwar l-Approssimazzjoni tal-Liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti lattoproteini (il-kaseini u l-kaseinati) maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Sa mid-dħul fis-seħħ ta' dik id-Direttiva seħħew diversi bidliet, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' qafas legali komprensiv fil-qasam tal-liġi dwar l-ikel u l-adozzjoni ta' standard internazzjonali mill-Codex Alimentarius[3] għal prodotti tal-kaseina li tittiekel, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati.

(2) Id-Direttiva 83/417/EC tagħti s-setgħat lill-Kummissjoni biex din timplimenta xi wħud mid-dispożizzjonijiet tagħha. B'konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, dawk is-setgħat iridu jkunu allinjati mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat).

(3) Fl-interessi taċ-ċarezza, id-Direttiva 83/417/KE għandha għalhekk titħassar u tinbidel b'Direttiva ġdida.

(4) Filwaqt li jitqies li r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], fih regoli ġenerali orizzontali u uniformi tal-Unjoni dwar il-metodi ta' teħid ta' kampjuni u analiżi ta' oġġetti tal-ikel, id-dispożizzjonijiet relatati tad-Direttiva 83/417/KEE għalhekk ma għadhomx meħtieġa.

---

1 ĠU C , , p. .

2 Id-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE tal-25 ta' Lulju 1983 dwar l-Approssimazzjoni tal-Liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' ċerti lattoproteini (il-kaseini u l-kaseinati) maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 237, 26.8.1983, p. 25)..

3 Standard 290-1995 http://www.codexalimentarius.org/standards/en/

4 Ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

(5) Filwaqt li jitqies li r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5] , fih regoli ġenerali, orizzontali u uniformi tal-Unjoni dwar l-adozzjoni tal-miżuri ta' emerġenza għall-ikel u l-għalf, id-dispożizzjonijiet relatati tad-Direttiva 83/417/KEE għalhekk ma għadhomx meħtieġa.

(6) Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6] ma tapplikax għal relazzjonijiet bejn in-negozji. Minħabba li l-prodotti koperti minn din id-Direttiva mhumiex intiżi sabiex jinbiegħu lill-konsumatur finali iżda biss minn negozju għal negozju għall-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel, huwa xieraq li r-regoli speċifiċi diġà inklużi fid-Direttiva 83/417/KEE jinżammu u jiġu adattati għall-qafas legali attwali. Dawk ir-regoli jipprevedu l-informazzjoni li għandha tingħata għal dawk il-prodotti sabiex jippermettu l-operaturi tan-negozju tal-ikel, minn naħa waħda, biex jiddisponu l-informazzjoni li jeħtieġu għat-tikkettar tal-prodotti finali, pereżempju fir-rigward ta' allerġeni, u min-naħa l-oħra biex jiġi evitat li dawn il-prodotti jkunu jistgħu jiġu konfużi ma' prodotti simili li ma jkunux maħsuba għall-konsum mill-bniedem.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] jistipula definizzjoni ta' għajnuniet għall-ipproċessar imsemmija bħala awżiljarji teknoloġiċi fid-Direttiva 83/417/KEE. Konsegwentement, din id-Direttiva għandha tuża t-terminu "għajnuniet ta' pproċessar" minflok "awżiljarji teknoloġiċi".

(8) Termini u referenzi oħra użati fl-Annessi tad-Direttiva 83/417/KEE għandhom jiġu adattati biex jieħdu inkonsiderazzjoni dawk użati fir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 u r-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.[8]

(9) L-Anness I tad-Direttiva 83/417/KEE jiffissa l-kontenut massimu tal-umdità għall-kaseini li jittieklu għal 10 % u l-kontenut massimu tal-grass tal-ħalib għall-kaseina aċiduża li tittiekel għal 2.25 %. Meta jitqies li l-istandard internazzjonali 290–1995 stabbilit mill-Codex Alimentarius jiffissa dawk il-parametri fi 12 % u 2 % rispettivament, il-parametri korrispondenti għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-istandard internazzjonali sabiex jiġi evitat tfixkil fil-kummerċ.

(10) Sabiex minnufih tadatta jew taġġorna l-elementi tekniċi li jinsabu fl-Annessi biex jitqiesu l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali rilevanti jew il-progress tekniku, issetgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-istandards applikabbli għal kaseini u kaseinati li jittieklu stabbiliti fl-Annessi I u II.

(11) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

---

5 Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

6 Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 Marzu 2000 fuq l-approsimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel. (ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.).

7 Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16).

8 Ir-Regolament (KE) Nru 1332/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-enżimi tal-ikel u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 83/417/KEE, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999, id-Direttiva 2000/13/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2001/112/KE u r-Regolament (KE) Nru 258/97 (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 7).

(12) L-Istati Membri għandu jkollhom marġini biex jadottaw miżuri nazzjonali fi kwistjonijiet li mhumiex speċifikament armonizzati minn din id-Direttiva biex jadattaw għal ambjent legali u amministrattiv nazzjonali. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-miżuri nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni skont il-proċedura stipulata fid-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9],

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tapplika għall-kaseini u l-kaseinati, li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem u t-taħlitiet tagħhom.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "kaseini" tfisser il-kostitwent prinċipali tal-proteina tal-ħalib, maħsul u mnixxef, li ma jinħallx fl-ilma u miksub mill-ħalib xkumat permezz tal-preċipitazzjoni:

(i) biż-żieda tal-aċidu, jew

(ii) bl-aċidifikazzjoni mikrobjali, jew

(iii) bl-użu tal-kimożina, jew

(iv) bl-użu ta' enżimi oħrajn li jgħaqqdu l-ħalib,

u soġġett għal trattament bis-sħana, mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà tal-użu minn qabel tal-proċessi tal-iskambju tal-joni u l-proċessi ta' konċentrazzjoni;

(b) "kaseinati" tfisser il-prodotti miksuba bit-tnixxif tal-kaseini ttrattati b'aġenti newtralizzanti u soġġetti għal trattament bis-sħana li jibdel il-fosfataż għal negattiv;

(c) "ħalib xkumat" tfisser il-ħalib waħdu, li miegħu ma jkun ġie miżjud xejn u li minnu jkun tnaqqas il-kontenut tal-grass biss.

(d) "kaseinia aċiduża li tittiekel" tfisser il-kaseina li tittiekel miksuba permezz tal-preċipitazzjoni bl-użu ta' għajnuniet għall-ipproċessar u l-kulturi batterjali elenkati fit-Taqsima I(d) tal-Anness I li jikkonformaw mal-istandards stabbiliti fit-Taqsima II ta' dak l-Anness;

(e) "kaseina mill-kimożina li tittiekel" tfisser il-kaseina maħsuba għall-konsum uman miksuba permezz tal-preċipitazzjoni bl-użu ta' għajnuniet għall-ipproċessar elenkati fit-Taqsima II(d) tal-Anness I li jikkonformaw mal-istandards stabbiliti fit-Taqsima II ta' dak l-Anness;

(f) "kaseinati li jittieklu" tfisser il-kaseinati miksuba minn kaseini li jittieklu bl-użu ta' aġenti newtralizzanti tal-kwalità li tittiekel elenkati taħt it-Taqsima II u li jikkonformaw mal-istandards stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li:

[9] Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37).

(a) il-prodotti ddefiniti fl-Artikolu 2 jistgħu jiġu mqiegħda fis-suq biss jekk jikkonformaw mar-regoli u l-istandards stabbiliti f'din id-Direttiva u fl-Annessi I u II tagħha, u

(b) il-prodotti li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Annessi I u II ma jintużawx għall-preparazzjoni tal-ikel u jissemmew u jiġu ttikkettjati b'tali mod illi x-xerrej ma jiġix imqarraq dwar in-natura, il-kwalità jew l-użu tagħhom.

Artikolu 4

L-ismijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(d), (e) u (f) għandhom ikunu riservati għall-prodotti definiti u għandhom jintużaw kummerċjalment sabiex jiddenominaw dawn il-prodotti.

Artikolu 5

1. Id-dettalji mandatorji li għandhom jiġu mmarkati fuq il-pakketti, il-kontenituri jew it-tikketti tal-prodotti definiti fl-Artikolu 2 għandhom ikunu faċilment viżibbli, jistgħu jinqraw bl-inqas sforz u jkunu miktuba b'karattri li ma jitħassrux, u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

   (a) l-isem riservat għal dawn il-prodotti skont l-Artikolu 4, fil-każ tal-kaseinati, b'indikazzjoni tal-katjon jew il-katjoni;

   (b) fil-każ tal-prodotti mqiegħda fis-suq bħala taħlitiet:

      (i) il-kliem "taħlita ta'…" segwit mill-ismijiet tal-prodotti differenti li jagħmlu t-taħlita, f'ordni dixxendenti tal-piż,

      (ii) indikazzjoni tal-katjon jew tal-katjoni fil-każ tal-kaseini jew il-kaseinati,

      (iii) il-kontenut tal-proteini fil-każ tat-taħlitiet li jkun fihom il-kaseinati;

   (c) il-kwantità netta espressa f'kilogrammi jew grammi;

   (d) l-isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz tal-operatur li taħt ismu, jew taħt isem in-negozju tiegħu, l-ikel jiġi kkummerċjalizzat jew, jekk dak l-operatur ma jkunx stabbilit fl-Unjoni, l-importatur fis-suq tal-Unjoni;

   (e) fil-każ tal-prodotti importati minn pajjiżi terzi, l-isem tal-pajjiż tal-oriġini;

   (f) l-identifikazzjoni tal-lott jew id-data tal-produzzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq tal-prodotti definiti fl-Artikolu 2(d), (e) u (f) fit-territorju tagħhom jekk id-dettalji msemmija fil-paragrafu 1 ma jidhrux f'lingwa li tinftiehem faċilment mix-xerrejja tal-Istati Membri fejn dawk il-prodotti jitqiegħdu fis-suq, sakemm informazzjoni bħal din tingħata b'mezzi oħra; dan ma għandux jipprekludi d-dehra ta' dawk il-partikolaritajiet imsemmija f'lingwi diversi.

3. Il-partikolaritajiet speċifikati fit-tielet inċiż tal-paragrafu 1(b)(iii), u fil-paragrafu 1(c), (d) u (e), jeħtieġu jidhru biss f'dokument ta' akkumpanjament.

Artikolu 6

1. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri nazzjonali dwar kwistjonijiet li mhumiex speċifikament armonizzati minn din id-Direttiva diment li huma ma jipprojbixxux,

ma jimpedixxux jew ma jirristrenġux il-moviment liberu tal-prodotti li huma f'konformità ma' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri għandhom immedjatament jikkomunikaw lill-Kummissjoni kull miżura nazzjonali bħal din skont il-proċedura stabbilita fid-Direttiva 98/34/KE.

Artikolu 7

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8 dwar l-emendi tal-Annessi I u II biex jitqiesu l-iżviluppi fl-istandards internazzjonali u fil-progress tekniku rilevanti.

Artikolu 8

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 7 għandha tiġi konferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn (...). ***(L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jimla d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att).***

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 7 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data sussegwenti speċifikata hemmhekk. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 9

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2015. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 10

Id-Direttiva 83/417/KEE hija b'dan imħassra.

Referenzi magħmula għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 11

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*